

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Conseil supérieur de la Sécurité sociale (il-Lussemburgu) fid-19 ta' Diċembru 2018 – Caisse pour l'avenir des enfants vs FV, GW

(Kawża C-802/18)

(2019/C 82/15)

Lingwa tal-kawża: il-Franċiż

Qorti tar-rinviju

Conseil supérieur de la Sécurité sociale

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: Caisse pour l'avenir des enfants

Konvenuti: FV, GW

Domandi preliminari

- 1) L-allowance tal-familja Lussemburgiża mogħtija skont l-Artikoli 269 u 270 tal-Kodiċi tas-Sigurtà Soċjali għandha titqies bħala benefiċċju soċjali fis-sens tal-Artikolu 45 TFUE u l-Artikolu 7(2) tar-Regolament Nru 492/2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni? ⁽¹⁾?
- 2) Fil-każ li titqies b'dan il-mod, id-definizzjoni ta' membru tal-familja applikabbli skont l-Artikolu 1(i) tar-Regolament Nru 883/2004 ⁽²⁾ tipprekludi d-definizzjoni usa' ta' membru tal-familja fl-Artikolu 2(2) ⁽³⁾ tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom peress li din tal-aħħar teskludi kwalunkwe awtonomija tal-Istat Membru fid-definizzjoni ta' membru tal-familja kuntrarju għal dak stipulat fir-regolament ta' koordinazzjoni u teskludi sussidjarjament, kull kunċett ta' dipendenza prinċipali. Għaldaqstant, id-definizzjoni ta' membru tal-familja fis-sens tal-Artikolu 1(i) tar-Regolament Nru 883/2004 għandha tipprevali minħabba l-ispeċifità tagħha fil-kuntest tal-koordinazzjoni tas-sistemi tas-sigurtà soċjali u fuq kolloxx għandu l-Istat Membru jżomm il-kompetenza biex jiddefinixxi l-membri tal-familja li huma intitolati għall-allowance tal-familja?
- 3) Fil-każ tal-applikazzjoni tal-Artikolu 2(2) tad-Direttiva 2004/38/KE tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar id-drittijiet taċ-ċittadini tal-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom u, b'mod iktar speċifiku, għall-allowance tal-familja Lussemburgiża, l-esklużjoni tal-wild tal-konjuġi mid-definizzjoni tal-membri tal-familja tista' titqies diskriminazzjoni indiretta għustifikata fid-dawl tal-għan nazzjonali tal-Istat Membru li jstabilixxi d-dritt personali tal-wild u tan-neċessità li tiġi protetta l-amministrazzjoni tal-Istat Membru tal-impjeg, meta meta estensjoni tal-kamp ta' applikazzjoni personali jikkostitwixxi piż mhux raġonevoli għas-sistema tal-benefiċċji tal-familja Lussemburgiża, li tesporta, b'mod partikolari, kważi 48 % tal-benefiċċji tal-familja tagħha?

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 492/2011 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal- 5 ta' April 2011 dwar il-moviment liberu tal-ħaddiema fi ħdan l-Unjoni (ĠU L 141, p. 1).

⁽²⁾ Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill, tad-29 ta' April 2004, dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 72).

⁽³⁾ Direttiva 2004/38/KE tal-parlament ewropew u tal-kunsill tad-29 ta' April 2004 dwar id-drittijiet taċ-ċittadini ta' l-Unjoni u tal-membri tal-familja tagħhom biex jiċċaqilqu u jgħixu liberament fit-territorju ta' l-Istati Membri u li temenda r-Regolament (KEE) Nru 1612/68 u li tassar id-Direttivi 64/221/KEE, 68/360/KEE, 72/194/KEE, 73/148/KEE, 75/34/KEE, 75/35/KEE, 90/364/KEE, 90/365/KEE u 93/96/KEE (ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 5, Vol. 5, p. 46).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mil-Lietuvos Aukščiausiasis Teismas (il-Litwanja) fl-20 ta' Diċembru 2018 – AAS "BALTA" vs UAB "GRIFS AG"

(Kawża C-803/18)

(2019/C 82/16)

Lingwa tal-kawża: il-Litwan

Qorti tar-rinviju

Lietuvos Aukščiausiasis Teismas

Partijiet fil-kawża prinċipali

Appellanti: AAS "BALTA"

Parti oħra fil-proċedura: UAB "GRIFS AG"

Domanda preliminari

Il-punt (5) tal-Artikolu 15 u l-punt 5 tal-Artikolu 16 tar-Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali ⁽¹⁾ għandhom jiġu interpretati fis-sens li, fir-rigward ta' assigurazzjoni li tkopri "riskji kbar", il-klawżola li tattribwixxi ġurisdizzjoni u li tinsab fil-kuntratt ta' assigurazzjoni konkluż bejn id-detentur ta' polza ta' assigurazzjoni u l-assiguratur tista' tiġi invokata kontra l-assurat kopert minn dan il-kuntratt, li ma ssottoskriviex espressament l-imsemmija klawżola u li huwa ddomiċiljat fi Stat Membru differenti minn dak tad-detentur tal-polza ta' assigurazzjoni u l-assurat?

⁽¹⁾ Regolament (UE) Nru 1215/2012 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tat-12 ta' Diċembru 2012 dwar il-ġurisdizzjoni u r-rikonossiment u l-eżekuzzjoni ta' sentenzi fi kwistjonijiet ċivili u kummerċjali (ĠU 2012, L 351, p. 1).

Talba għal deċiżjoni preliminari mressqa mill-Krajský súd Trnava (is-Slovakkja) fil-21 ta' Diċembru 2018 – DHL Logistics (Slovakia), spol. s r.o. vs Finančné riaditeľstvo SR

(Kawża C-810/18)

(2019/C 82/17)

Lingwa tal-kawża: is-Slovakk

Qorti tar-rinviju

Krajský súd Trnava

Partijiet fil-kawża prinċipali

Rikorrenti: DHL Logistics (Slovakia), spol. s r.o.

Konvenuta: Finančné riaditeľstvo SR

Domanda preliminari

Is-subintestatura tan-Nomenklatura Magħquda 8525 80 91, li tinsab fl-Anness I tar-Regolament tal-Kunsill (KEE) Nru 2658/87 ⁽¹⁾ tat-23 ta' Lulju 1987 dwar in-nomenklatura tat-tariffa u l-istatistika u dwar it-Tariffa Doganali Komuni ta' Dwana, fil-verżjoni tagħha li tirriżulta min-noti ta' spjega ppubblikati skont l-imsemmi regolament fl-2011 ⁽²⁾ (Komunikazzjoni tal-Kummissjoni 2011/C 137/01), għandha tiġi interpretata fis-sens li merkanzija bħal vidjo kameras diġitali (inkwistjoni fil-kawża prinċipali) jistgħu jiġu kklassifikati f'din is-subintestatura minkejja li dawn jippermettu biss li tittieħed u li tiġi rreġistrata sekwenza ta' vidjo ta' kwalità inferjuri għal 800 x 600 pixel, f'dan il-każ ta' 720 x 576 pixel, u li funzjoni oħra ta' din il-merkanzija, jiġifieri t-teħid u r-reġistrazzjoni ta' stampi fissi, hija limitata bir-riżoluzzjoni tal-imsemmija stampi li hija ta' 1 600 x 1 200 pixel (1,92 megapixel)?

⁽¹⁾ ĠU Edizzjoni Speċjali bil-Malti, Kapitolu 2, Vol. 2, p. 382.

⁽²⁾ ĠU 2011, C 137, p. 1.
